MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Numru 154/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**RODERICK MUSCAT**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Roderick Muscat ta’ 40 sena, iben Emanuel u Lorenza nee’ Cassar, imwieled Attard, fl-09 ta’ Jannar 1965, u li joqghod ‘Rolan’, Triq l-Iskud, l-Ibrag. Detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 116665(M) gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer gewwa Naxxar Trade Fair Grounds, fil-12 ta' Dicembru 2003 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' wallets allegatament tad-ditta Manchester United.
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)
2. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta.
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u id-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok KB3 u nnutat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Edward Debono iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 298(1)(a)(b)(c)(f) u l-artikolu 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Roderick Muscat, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Roderick Muscat ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum l-imputat Roderick Muscat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 3 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok KB7.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Roderick Muscat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------